



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

Id-9 ta' Novembru 2016

Fl-era tal-"*postverità*", il-fiduċja fl-istatistika Ewropea qatt ma kienet importanti daqs illum

Fir-rapport tiegħu tal-2016, il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) iħeġġeġ li jeħtieġ isir aktar biex tiġi żgurata l-fiduċja fl-istatistika Ewropea. Il-kampanji elettorali reċenti fl-Istati Uniti u fir-referendum tar-Renju Unit enfasizzaw kif milli jidher l-istatistika "fattwali" tista' tinxtered malajr u tqarraq bil-pubbliku ġenerali¹. Martti Hetemäki, il-President tal-ESGAB, jgħid "qegħdin f'era ta' politika ta' "*postverità*", fejn ġerti messaġġi politiċi importanti qed jiġu sostnuti minn dejta mhux xierqa jew qarrieqa. L-awtoritajiet tal-istatistika għandhom rwol ewljeni fit-twissija tal-utenti dwar is-sors u l-kwalità tad-dejta użata f'kuntest uffiċjali".

Filwaqt li dejjem kien possibbi li l-istatistika tiġi ppreżentata b'mod qarrieqi, in-numri kbar ta' istituzzjonijiet, aġenziji u esperti li bħalissa qed jiproduċu d-dejta jfissru li jistgħu jiġu pprovduti "fatti" statistiċi dwar serje ta' kwistjonijiet, bi gradi differenti ta' kwalità u kultant b'messaġġi kunfliegħenti. Skont il-Kodiċi ta' Prattika tal-istatistika Ewropea, l-awtoritajiet tal-istatistika għandhom responsabbiltà ċara li jiżguraw li l-istatistika uffiċjali tiġi ppreżentata b'mod xieraq f'dibattitu politiku.

L-ESGAB għalhekk jirrakkomanda li l-awtoritajiet tal-istatistika mhux biss jikkumentaw pubblikament dwar il-kritika u l-użu ħażin tal-istatistika uffiċjali, iżda li jiddefendu wkoll b'mod vigoruż il-kwalità tal-istatistika tagħhom fejn meħtieġ. L-ESGAB jirrakkomanda wkoll li l-valur tal-istatistika uffiċjali għandu jiġi promoss aħjar lill-pubbliku inġenerali bħala ġid pubbliku u għoddha ta' politika indispensabbi.

Fir-rigward ta' sorsi multipli ta' dejta – stħarriġ, reġistri u bażżejjiet ta' dejta kummerċjali - l-ESGAB jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-analiżi ta' dejta bħal din teħtieġ ħiliet speċjali, b'mod partikolari fil-kuntest Ewropew fejn il-kumparabbiltà fil-pajjiżi kollha hija rekwiżit fundamentali. Ir-rapport jenfasizza l-ħidma kontinwa li qed tkompreżi lejn il-ħiliet meħtieġa u l-mod kif jistgħu jiġi indirizzati d-diskrepanzi fil-ħiliet.

Fis-Sistema Ewropea tal-İstatistika kollha kemm hi, hemm konformità tajba mal-Kodiċi ta' Prattika. L-ESGAB jirrikonoxxi li sar progress tajjeb f'għadd ta' oqsma identifikati fl-evalwazzjonijiet reċenti bejn il-pari u fir-rapporti tal-ESGAB preċedenti u jenfasizza l-oqsma fejn huwa meħtieġ aktar progress. Dawn l-oqsma jinkludu l-proċeduri ta' reklutaġġ u sensja għall-kapijiet tal-Eurostat u l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika, l-iż-żvilupp ta' informazzjoni komparabbi dwar l-ispiżza tal-produzzjoni tal-istatistika, iż-żieda fl-użu ta' dejta amministrattiva u l-koordinazzjoni ta' awtoritajiet nazzjonali oħra li jiproduċu l-istatistika Ewropea.

¹ Ara The Economist, 10 ta' Settembru 2016, "Art of the lie", (<http://www.economist.com/news/leaders/21706525-politicians-have-always-lied-does-it-matter-if-they-leave-truth-behind-entirely-art>)

² William Davies, 24 ta' Awwissu 2016 "The Age of Post-Truth Politics", (<http://www.nytimes.com/2016/08/24/opinion/campaign-stops/the-age-of-post-truth-politics.html>)



Aktar tagħrif

Ir-rapport tal-2016 tal-ESGAB b'sommarju eżekuttiv qasir jinsab fil-paġna ewlenija tal-ESGAB (<http://ec.europa.eu/esgab/>).

Kuntatt għall-assistenza lill-midja

Biex tagħmel appuntament għal intervista mal-President tal-ESGAB, is-Sur Martti Hetemäki, jekk jogħġibok ikkuntattja lis-Segretarjat tal-ESGAB: Steve Clarke (estat-esgab@ec.europa.eu), tel. +352 4301-32527.

Dwar I-ESGAB

L-ESGAB³ jagħti ħarsa ġenerali indipendenti lejn l-implementazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika. Dan għandu l-ghān li jtejjeb l-indipendenza professjonal, l-integrità u l-kontabilità tal-elementi ewlenin fil-Kodiċi tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, kif ukoll il-kwalità tal-istatistika Ewropea. L-ESGAB għandu seba' membri. Xogħlu jinkludi t-tħejjija ta' rapport annwali għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill dwar l-implementazzjoni tal-Kodiċi mill-Eurostat u s-Sistema Ewropea tal-Istatistika kollha kemm hi. L-ESGAB jagħti wkoll pariri lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar miżuri xierqa biex teħfief l-implementazzjoni.

Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea (il-Kodiċi)

Il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea⁴ jistabbilixxi l-standards għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea. Dan jibni fuq definizzjoni komuni tal-kwalità tal-istatistika użata fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS, magħmul minn awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u l-Eurostat). Il-Kodiċi huwa strument ta' awtoregolamentazzjoni li fih 15-il prinċipju li jindirizza l-ambjent istituzzjonal li fih joperaw l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u tal-UE, kif ukoll il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea. L-implementazzjoni tiegħu hija appoġġata minn sett ta' indikaturi ta' prattika tajba għal kull wieħed mill-prinċipi.

Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika⁵ (ESS) hija sħubija bejn l-awtorità tal-istatistika tal-Unjoni Ewropea, li hija l-Kummissjoni (Eurostat), u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-istatistika (NSIs) u awtoritajiet nazzjonali oħra responsabbi f'kull Stat Membru għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea.

Evalwazzjonijiet bejn il-pari

L-evalwazzjonijiet bejn il-pari⁶ jagħmlu parti mill-istrateġija tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika għall-implementazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika. L-għan huwa li jissaħħu l-integrità, l-indipendenza u l-akkontabilità tal-awtoritajiet tal-istatistika tal-ESS. L-ewwel ċiklu ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari twettaq fl-2006-2008, segwit minn tieni ċiklu fl-2013–2015. Iż-żewġ ċikli jkopru l-İstati Membri tal-UE u l-pajjiżi tal-EFTA kollha. Il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-istatistika (ESGAB) wettaq evalwazzjoni bejn il-pari tal-Eurostat bl-użu tal-metodoloġija żviluppata għall-evalwazzjonijiet bejn il-pari tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-istatistika b'xi adattamenti li jirriflettu l-ispeċifiċitajiet tal-Eurostat.

³ <http://ec.europa.eu/esgab>.

⁴ <http://ec.europa.eu/eurostat/documents/3859598/5922289/10425-MT-MT.PDF>

⁵ <http://ec.europa.eu/eurostat/web/european-statistical-system/overview>.

⁶ <http://ec.europa.eu/eurostat/web/quality/peer-reviews>.